MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 568/2008

William Spiteri Bailey (Id. 20467M) ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Spiteri Bailey & Co.

Vs

Rich Ship Charters Limited (C 29786).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta' intimata hija debitrici tal-attur fl-ammont ta' €412.30 rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol u servizzi provduti lilha mid-ditta attrici fuq inkarigu taghha stess; illi ghalkemm interpellata diversi drabi ghall-hlas inkluz permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 datata 20 ta' Mejju 2008, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lis-socjeta' intimata thallasaha s-somma ta' €412.30, bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra

ufficjali taht l-Artikolu 166A datata 20 ta' Mejju 2008, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti: 1. illi s-servizzi illi taghhom qed jigi pretiz il-hlas huma servizzi li qatt ma gew rikjesti u lanqas mehtiega mis-socjeta' intimata u s-socjeta' attrici agixxiet minn rajha tant illi tat servizzi illi ma kienx kompitu' taghha skond il-ftehim bejn il-partijiet. In piu, s-servizzi in kwistjoni inghataw minghajr ma giet infurmata s-socjeta' intimata u sahansitra minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' intimata, liema awtorizzazzjoni hija necessarja u rikjest ai termini tal-letter of engagement iffirmata bejn il-partijiet, liema dokument jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet; 2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici kienet konxja tal-fatt illi tali servizzi li taghhom huwa pretiz il-hlas ma kienux jiffurmaw parti mill-kompitu' tas-socjeta' attrici ghaliex dan ix-xoghol kien isir minn terza persuna ingaggjata mis-socjeta' intimata. Tant huwa minnu illi fil-passat tali servizzi kienu jinghataw bla hlas mis-socjeta' attrici proprju ghaliex kienet taf illi dan ma kienx il-kompitu' taghha; 3. illi in piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizzi in kwistjoni inghataw fis-sena 2006; 4. illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici agixxiet b'mod abbusiv u kuntrarju ghall-principji ta' etika stante li sa llum qed tirrifjuta milli tirrilaxxja dokumenti proprjeta' tas-socjeta' konvenuta; 5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit tal-attur Willian Spiteri Bailey.

Ra l-affidavit ta' Carmel Micallef prodott mill-attur.

Ra l-affidavit ta' Richard McGonigle prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' Paul Ebejer prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' Jacqueline Ebejer prodotta mis-socjeta' konvenuta.

Sema' x-xhieda ta' l-attur William Spiteri Bailey.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Micallef.

Sema' x-xhieda ta' Richard McGonigle.

Sema' x-xhieda ta' Paul Ebejer.

Sema' x-xhieda ta' Jacqueline Ebejer.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti fil-kawza odjerna, l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Id-ditta Spiteri Bailey & Co li tipprovdi servizzi relatati ma' *auditing, accounting* u konsulenza dwar taxxi u kwistjonijiet ohra finanzjarji, kienet rendiet servizzi ta' *auditing* lis-socjeta' konvenuta. Gara li fil-bidu tas-sena 2007 l-attur kien bghatt il-kont ghas-servizzi moghtija lis-socjeta' konvenuta fl-ammont globali ta' Lm383.50 izda dan il-kont ma kienx thallas. Fil-fatt xi hdax-il xahar wara li ntbaghat l-istess kont, l-attur kien ircieva email minghand Richard Mc Gonigle fejn intalbu xi kjarifiki dwar dan l-istess kont.

Illi jirizulta car li l-kontestazzjoni dwar il-kont in kwistjoni tirrigwarda biss dak l-ammont li qed jintalab ghal xi xogholijiet addizzjonali li kellhom isiru mill-attur nomine sabiex l-accounts tas-socjeta' konvenuta jigu pprezentati skond l-istandards tal-International Financial Reporting u

cioe dawk li fil-qosor jissejjhu 'IFRS', skond kif rikjesti mill-ligi. Dan ix-xoghol addizzjonali kien jikkonsisti principalment f'lista ta' *audit adjustments* li kellhom isiru mill-atturi sabiex l-accounts jigu pprezentati skond dawn l-istandards rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta wkoll li d-Direttur tas-socjeta' konvenuta Paul Ebejer, kien iffirma dawn l-*audited accounts* u skond l-attur ghalhekk huwa kien accetta l-*audit* li saret mill-atturi bl-'*additional works*' inkluzi. Oltre dan, skond l-attur, l-'*engagement letter*' iffirmata bejn il-partijiet kienet taghmilha cara li kwalsiasi mistoqsijiet dwar il-kont ghandhom isiru fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tal-kont stess, haga li zgur ma saritx f'dan il-kaz.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok qed tikkontendi li l-'*adjustments*', u cioe x-xoghol addizzjonali, l-ewwel kellu jigi approvat mis-socjeta' konvenuta qabel ma jsir, u dana dejjem skond ma hemm stipulat fil-'*engagement letter*'.

Fil-fatt skond ix-xhud Richard McGonigle, (li la hu direttur tas-socjeta' konvenuta, u lanqas azzjonist), l-atturi qatt ma setghu jibghatu kont ghax-xoghol zejjed li qedin jitolbu peress illi dak l-istess xoghol qatt ma gie approvat mid-Diretturi kif titlob l-*engagement letter* bejn il-partijiet. Oltre dan, skond hu, l-accountant tas-socjeta' konvenuta, u cioe Jacqueline Ebejer, setghet facilment ghamlet dak ix-xoghol zejjed ghaliex kien fil-kompitu' taghha li taghmel hekk, u allura izjed u izjed l-atturi ma kellhomx dritt jaghmlu dan ix-xoghol huma u jiccargjaw ghall-istess.

Dwar l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li ma setghetx tigbor il-*files* taghha, l-istess xhud spjega li huwa sa certu punt gie rikattat bil-fatt illi dawn setghu jingabbru biss jekk isir il-hlas tal-kont kollu, haga li huwa ma kienx lest li jaghmel.

Ix-xhieda l-ohra li gew prodotti mis-socjeta' konvenuta wkoll ikkonfermaw li huma qatt ma gew konsultati dwar ix-xogholijiet zejda li l-atturi hassew li kellhom jaghmlu. Fil-fatt skond Paul Ebejer, dan ix-xoghol ma kellux ghalfejn

isir mill-atturi peress illi l-*accountant* tas-socjeta' konvenuta, Jackie Ebejer kienet kapaci li taghmlu hi stess.

Illi madankollu, meta xehedet in kontro ezami Jackie Ebejer, hareg car li din ma kenitx fil-verita' kapaci li taghmel l-*adjustements* u l-*additional works* li ghamlu l-atturi. Oltre dan jirrizulta li waqt li l-atturi kienu qedin jaghmlu xogholhom, dawn kienu in kuntatt maghha, u li hija kienet a konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir.

Illi ghalhekk, tenut dan kollu in konsiderazzjoni, t-Tribunal jidhirlu illi fl-ewwel lok, ma giex ppruvat li s-socjeta' konvenuta kienet giet b'xi mod inibita milli tigbor il-*files* taghha jew l-*accounts* taghha. Pjuttost jidher li kienet libera li taghmel hekk meta riedet, u se mai kien nuqqas da parti taghha li ma gabritx il-*files* minghand l-ufficcini tal-atturi.

Jidher ukoll li l-atturi ghamlu xogholhom ta' awdituri skond kif titlob il-ligi, u jidher li x-xoghol addizzjonali li sar minnhom ma kienx xi xoghol li seta' jigi evitat jew injorat. Kuntrarjament ghal dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta, dan l-istess xoghol addizzjonali ma setax isir mill-accountant taghha, u ghalhekk bilfors li kellu jsir mill-atturi jekk kienu ser jaghmlu xogholhom kif suppost.

Oltre dan, jidher li x-xoghol ta' l-attur nomine gie accettat u ffirmat mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta, u li hadd minnhom ma qajjem xi ilmenti dwar il-kont f'dak il-perjodu. Fil-fatt jidher li hadd mid-diretturi qatt qajjem xi ilmenti dwar l-istess, u kien biss Richard McGonigle (li effettivament m'ghandu l-ebda pozizzjoni ufficjali fil-kumpanija) li qajjem dawn l-ilmenti. Lanqas ma hemm xi prova li turi li d-diretturi ma rcevewx il-kont tal-attur nomine u ghalhekk wiehed ma jistax isib l-iskuza li ma kienx jaf bil-kont. Ghalhekk il-kwistjoni kollha dwar jekk l-attur nomine setax jaghmel ix-xogholijiet addizzjonali jew le minghajr ma javza lis-socjeta' konvenuta, giet ghal kollox sorvolata gjaladarba d-diretturi taghha iffirmaw l-istess xoghol u accettawh.

Finalment, it-Tribunal jidhirlu li ladarba x-xoghol kellu jsir, u fil-fatt sar u gie accettat, ma hemmx dubbju li l-attur nomine ghandu kull dritt li jithallas ghall-istess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tas-socjeta' konvenuta, u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' erba mija, u tnax-il ewro u tletin centezmu (€412.30), flimkien ma l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------